# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


**Minuti tal-23 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

23.01 **Talba**

23.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

23.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

23.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

23.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 22**

23.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 22 ġew approvati unanimament peress li kienu ntbagħtu lill-Kunsillieri mal-Aġenda. Is-Sindku ippropona u l-Kunsilleri Dingli issekonda.

23.04 **Punti mill-Minuti**

23.04.01 Rigward *item* 22.04.01, is-S.E. informa li aktar kmieni llum konna rċivejna risposta mingħand Transport Malta fejn it-talba tagħna ġiet approvata bil-kundizzjoni li ssir konsultazzjoni mar-residenti. Kien hemm qbil unanimu li ninfurmaw b'dan lir-residenti kollha ta' din it-triq.

23.04.02 Rigward *item* 22.04.04, is-S.E. informa li kien irċieva applikazzjoni waħda mingħand l-Uffiċjal Eżekuttiv. Ġie deċiż li fil-ġranet li ġejjin issirilha l-intervista.

23.04.03 Rigward *item* 22.04.05, il-Viċi Sindku qalet li tinsab infurmata li l-Gvern Ċentrali /AKL kienu qed jaħdmu fuq sistema ċentralizzata għall-ħruġ tal-permessi. Għal dan il-għan is-S.E. intalab sabiex jikseb informazzjoni mingħand l-AKL.

23.04.04 Rigward *item* 22.04.08, is-Sindku nforma li l-laqgħa kienet għada ma saritx.

23.05 **Korrispondenza**

23.05.01 Korrispondenza mingħand id-Dipt. tat-Tindif dwar żbir ta' siġar fi Triq Valletta fejn ġejna nfurmati li biex isir iż-żbir irridu nġibu l-permess tal-ERA. Is-Sindku qal li jinsab infurmat li x-xogħol fuq din it-triq għandu jibda kmieni s-sena d-dieħla u għalhekk żgur li ser tiġi ndirizzata din il-problema però kien hemm qbil li fil-frattemp nippruvaw inġibu l-permess mingħand l-ERA sabiex dawn is-siġar taż-żnuber ikunu jistgħu jinżabru.

23.05.02 Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li b'mod immedjat, il-laqgħat statutorji tal-Kunsill u l-laqgħat annwali jistgħu isiru b'dawk il-metodi li l-Kunsill jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan l-iżvilupp.

23.05.03 Korrispondenza mingħand JP Health & Safety dwar *Risk Assessments* tal-*Playing Fields* ġewwa r-raħal. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

23.05.04 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar l-iskema *Art for All – 2021*. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikseb aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

23.05.05 Korrispondenza mingħand resident fi Triq Karmenu Ciantar dwar skart li qed jitpoġġa viċin ir-residenza tiegħu minn terzi persuni. Ġie deċiż li jekk din is-sitwazzjoni tippersisti, għandu jsir rapport lill-Pulizija, Awtorità tal-Ippjanar u ERA.

23.05.06 Korrispondenza mingħand resident fi Triq il-Lanġasa sabiex jitneħħa *Double Yellow Line* quddiem garaxx tiegħu. Ġie unanimament deċiż li qabel tittieħed azzjoni, għandna nikkonfermaw jekk ir-raġuni għaliex kien sar dan id-*Double Yellow Line* għadiex tapplika.

23.05.07 Is-S.E. ippreżenta 3 kwotazzjonijiet li kien irċieva dwar ir-restawr tan-niċċa ta' Santa Marija fi Triq Santa Katerina. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li jekk nikkonfermaw li min ippreżenta l-orħos offerta kien ser jaħdem skont kif suġġerit mill-perit tal-Kunsill kif ukoll li l-prezz jinkludi l-armar ta' *scaffolding* u l-materjal, il-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni tiegħu.

23.05.08 Is-S.E. ippreżenta 3 kwotazzjonijiet dwar il-bdil tas-sistema tas-CCTV mal-bini tal-Kunsill kif ukoll li l-apparat li jinqala jitwaħħal mal-*iscaffolding* li hemm madwar il-Kappella ta' Santa Katerina. Ġie unanimament deċiż li tingħata delega lill-Kunsillier Zaffarese jagħmel evalwazzjoni tat-3 kwotazzjonijiet u l-Kunsill imexxi mill-ewwel fuq ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

23.05.09 Korrispondenza mingħand id-Dipt. għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali dwar skema ta' *neutering* għal *stray cats*. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-iskema.

23.06 **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2021.**

23.06.01 Is-S.E. ippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021 u wara diskussjoni qasira dawn ġew approvati unanimament kif ippreżentati.

23.07 **Kuntratti**

23.07.01 Is-S.E. informa li hemm bżonn li jiżdiedu xi arbuxelli fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u ippreżenta stima mingħand Callus Gardens. Ġie unanimament deċiż li qabel napprovaw din l-istima, għandna nkellmu lil-*Infrastructure Malta* sabiex naraw ikunx possibbli li nġibu dawn l-arbuxelli minn għandhom.

23.07.02 Rigward il-kuntratt tal-bini ta' bankini, ġie deċiż li filwaqt li nikkonfermaw li l-kuntratt il-ġdid għandu ir-rati tal-bankini bl-*istencil*, ġie deċiż li għandna niċċekkjaw il-Minuti ta' laqgħat preċedenti sabiex naraw iktar dettalji dwar il-ftehim li kien sar meta kienet saret Triq Karmenu Ciantar.

23.07.03 Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jaħtar lil-Kenneth Brincat sabiex jieħu post Svetlick Flores sabiex jieħu ħsieb il-kuntratt tal-Latrini Pubbliċi li għadu jrid jinħareġ.

23.07.04 Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jibda jagħmel ir-riċerka tiegħu sabiex jinħareġ kuntratt sabiex jinbidlu l-fanali dekorattivi li hemm fi Triq Karmenu Ciantar. Għandna naraw x'hemm fis-suq bħalissa li jinkludi LEDs kif ukoll li fejn possibbli l-istil tal-fanali l-ġodda jkun viċin dawk li għandna mwaħħla mal-ħajt.

23.08 **Rimarki mis-Sindku u l-Kunsillieri**

23.08.01 Is-Sindku nforma li l-Pjazza ser ikollha tingħalaq għal ġurnata sabiex isir xogħol konness mal-*compliance* mill-KNPD kif ukoll sabiex jerġa jsir il-*grouting* f'xi partijiet. Rigward il-proġett *Green Infrastructure* huwa spjega li x-xogħol kien miexi kif ippjanat u l-proġett kollu għandu jitlesta kmieni s-sena d-dieħla.

23.08.02 Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, kien hemm qbil unanimu li ssir quddiesa ta' ringrazzjament nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar fl-10.00 ta' fil-għodu. Is-S.E. ser jieħu ħsieb ikellem lill-Kappillan.

23.08.03 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar il-ħadid tal-*Parking Bays* viċin il-Każin tas-Soċjetà ta' Santa Marija. Is-S.E. informa li sa llum konna għadna qed nistennew li jġibulna dawn il-ħadid. Is-S.E. intalab sabiex isegwi mas-Segretarju tas-Soċjetà'.

23.08.04 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar il-Quddiesa fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kunċizzjoni u staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie mistieden uffiċċjalment. Is-Sindku spjega li huwa kien bgħat messaġġ lis-Segretarju s-Sur Julian Briffa fejn qallu li

mhux se jkun jista' jattendi peress li għadu qed jiġi rikoverat u huwa rrispondih billi staqsa jekk hemmx xi membri oħrajn illi se jattendu. Fil-fatt huwa staqsa min mill-Kunsillieri kien ser jattendi. Minħabba raġunijiet diversi, kien il-Kunsillier Dingli biss li seta' jattendi għal din il-quddiesa però meta ittieħdu r-ritratti tal-okkażjoni, huwa ma ġiex mistieden sabiex jieħu ritratt.

23.08.05 Il-Kunsill Dingli ikkummenta dwar problema ikkawżata mill-ilma tax-xita li qed jidħol fir-residenzi privati fi Triq il-Katakombi k/m Triq Ħal Kirkop kif ukoll fi Triq tal-Mentna. Ġie deċiż li dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru meta jkollna l-kuntratt tal-bankini u tat-toroq.

23.08.06 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar il-bżonn ta' *tarmac* f' Misraħ il-Fidwa k/m Triq il-Qattara. Ġie unanimament deċiż li dan ix-xogħol isir ladarba jkollna l-kuntratt tal-bankini u tat-toroq.

23.08.07 Rigward mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar is-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, s-Sindku spjega li x-xogħol kollu għandu jitlesta kmieni s-sena d-dieħla.

23.08.08 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir xi ċaqlieq tal-*parking bays* fil-Pjazza viċin il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija li jinkludi ċ-ċaqlieq tar-*Reserved Parking* għall-Persuni b'Diżabilità kif ukoll li jiżdiedu 2 *parking bays* għall-muturi. Ġie unanimament deċiż li dan is-suġġeriment jerġa jiġi diskuss ladarba l-proġett kollu jitlesta u jinħareg il-*compliance certificate* dwar ix-xogħol kif ippjanat. Ingħad illi dwar tad- Diżabilità se jkun hemm problema peress li ġiet impenġija l-art bil-kulur blu.

23.08.09 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li kien jippretendi li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill dwar l-għeluq tal-librerija fi żmien il-festi. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob rapport mingħand il-librara dwar is-self ta' kotba matul l-2020.

23.08.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proġett *Slow Streets* u s-Sindku wieġeb li konna għadna qed nistennew mingħand Studjurban.

23.08.11 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien ġie avviċinat minn xi persuni sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, tittella Festa Arti fil-Pjazza. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaħdem fuq din il-proposta kif ukoll li jista' anke jintuża l-iSptar il-Qadim. Il-Kunsillieri Sciberras u Zaffarese għandhom jiltaqgħu ma' dawn il-persuni sabiex ikomplu jesploraw din l-inizjattiva.

23.08.12 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li ssir tiswija fl-entratura tal-injam ta' Ġnien Onġi Onġella u s-S.E. informa li t-tiswija meħtieġa kienet tlestiet il-ġurnata ta'qabel.

23.08.13 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa dwar il-possibilità li ssir rampa mit-triq għaċ-ċimiterju. Is-Sindku spjega li filwaqt li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir, il-problema hija li sabiex ikun hemm il-*gradient* kif suppost approvat mill-

KNPD din ir-rampa trid tkun waħda twila ħafna kif ukoll li jekk issir, min jidħol jista' jasal biss sal-Kappella għax-ġewwa ċ-ċimiterju mhux aċċessibbli. .

23.09 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 581**

23.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 581 u l-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Novembru 2020 ġew approvati unanimament.

23.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

23.10.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 19 ta' Jannar fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv